31992D0578

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-30 ta' Novembru 1992 li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq it-trasport ta' merkanzija bit-triq u bil-ferrovija

(92/578/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi l-ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq it-trasport ta' merkanzija bit-triq u bil-ferrovija jista' jipprovdi soluzzjoni għad-diversi problemi korrenti tat-trasport transalpin ta' merkanzija; billi hu neċessarju li jiġi żgurat l-iżvilupp non-diskriminatorju ta' transitu sabiex jgħin il-kummerċ internazzjonali biex jiġi kondott bl-anqas prezz possibbli għall-pubbliku u biex jiġu ridotti għal minimu l-ostakoli amministrattivi u tekniċi li jaffettwaw it-transitu;

Billi dawn l-għanijiet għandhom, fl-istess ħin, jagħtu każ għal-libertà ta' l-għażla ta' l-utenti u aspetti relatati mas-sigurtà fit-toroq, il- protezzjoni tas-saħħa pubblika u ta' l-ambjent fir-reġjuni Alpini;

Billi l-għanijiet u l-kontenut tal-Ftehim huma fl-iskop tal-politika komuni tat-trasport u l-*istandards* tekniċi jilagħbu l-parti tagħhom biex jintlaħqu dawn l-għanijiet;

Billi jixraq illi tiġi preskritta proċedura bil-għan li tapprova l-arranġamenti amministrattivi maħsuba mill-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq it-trasport ta' merkanzija bit-triq u bil-ferrovija hu hawnhekk approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika kif preskritt fl-Artikolu 21 tal-Ftehim.

Artikolu 3

L-arranġament amministrattiv preskritt fil-punt II.4 ta' l-Anness 6 għall-Ftehim għandu jiġi approvat skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 4 ta' din id- Deċiżjoni.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat kompost mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kummissjoni abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz f'limitu taż-żmien li l-President tiegħu jippreskrivi skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza preskritta fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandu jkollhom il-piż skond kif preskritt f'dak l-Artikolu.

Il-President ma għandux jivvota.

[1] ĠU C 305, tat-23.11.1992.
[2] ĠU C 313, tat-30.11.1992, p. 16.

Il-Kummissjoni għandha tadotta d-disposizzjonijiet maħsuba jekk dawn ikunu skond l-opinjoni tal-Kumitat.Jekk il-miżuri maħsuba ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, jew l-ebda opinjoni ma tingħata, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tissottometti lill-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* proposta tal-Kunsill relatata mal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

Jekk, wara li jgħaddi perjodu ta' erba' ġimgħat mid-data ta' riferiment lill-Kunsill, il-Kunsill ma jkunx aġixxa, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Artikolu 5

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri neċessarji biex timplimenta l-arranġamenti amministrattivi msemmija fl-Artikolu 3 skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 4.

Magħmula fi Brussel, fit-30 ta' Novembru 1992.

F'isem il-Kunsill

Il-President

T. EGGAR